**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa**

**9 LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru 26**

**Il-Ħamis, 8 ta' Jannar 2026**

Il-Kunsill Lokali Ħal Luqa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: 174, Ċentru Ċiviku, Triq il-Ġdida, Ħal Luqa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur John Schembri | Sindku |
| Is-Sur Keith Bartolo | Viċi Sindku |
| Is-Sur Frederick Aquilina | Kunsillier (17.40) |
| Is-Sur Jeffrey Scicluna | Kunsillier |
| Is-Sur Matthew Spiteri | Kunsillier |
| Is-Sur Anton Gatt | Kunsillier (telaq 17.42) |
| Is-Sur Andrew Cassar | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**
Ħadd

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Astrid Pell | Segretarju Eżekuttiv |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Ħadd

**26.01 Qari tal-ittri t'apoloġija**

**26.01.01** Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija.

**26.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduti 24 u 25)**

**26.02.01** Fuq proponiment tal-Kunsillier Matthew Spiteri u sekondat mill-Kunsillier Andrew Cassar, il-minuti ta' seduti **24** u **25** ġew approvati unanimament.

**26.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet**

**26.03.01** Xejn

**26.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**26.04.01** Is-Sindku John Schembri qal lill-Kunsilliera għamel referenza għall-applikazzjoni PA00063/22 għall-bini ta' Moskea ġewwa Ħal Luqa. Is-Sindku John Schembri spjega li l-Awtorita` tal-Ippjanar iddeferit is-smigħ ta' din l-applikazzjoni għal 5 ta' Frar 2026. Is-Sindku John Schembri tenna li huwa ma jistax jattendi għal dan is-smigħ u minfloku se jattendu l-Kunsillier Jeffrey Scicluna u s-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qalet li se tibagħat ir-rapport tal-Perit lill-Kunsillier Jeffrey Scicluna biex ikun jista' iħejji xi punti qabel dan is-smigħ. Il-Kunsillier Frederick Aquilina ukoll talab sabiex jintbagħatlu kopja ta' dan ir-rapport. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qalet li se tkun qed tibagħatulu ukoll.

**26.04.02** Is-Sindku John Schembri qal li l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali bagħtet imejl dwar polza tal-Life Insurance għall-Kunsilliera. Il-Kunsilliera preżenti bi qbilo unanimu qablu li din il-polza tal-Life Insurance għandha titħallas.

**26.04.03** Is-Sindku John Schembri għamel referenza għall-*Iskema Life Long Learning – SPI/SCI/10/2025* b'data tal-għeluq tkun it-30 ta' Jannar 2026. Il-Kunsillier Jeffrey Sciclub qal li bħala Kunsill għandna niċċekkjaw x'sar mill-applikazzjoni tas-sena l-oħra. Il-Kunsliier Jeffrey Scicluna kompla jgħid li għandna nieħdu feedback u jkunu organizzati lezzjonijiet li r-residenti jieħdu interess fihom. Is-Sindku John Schembri minn naħa l-oħra sostna li dawn il-korsijiet għandhom isiru reġjun reġjun, b'hekk in-numru ta' residenti li jattendu jkun akbar. Il-Kunsilliera preżenti bi qbilo unanimu qablu li l-Kunsill Lokali għandu jindika x'korsijiet jista' joffri.

**26.05 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

**26.05.01** Il-Kunsillier Matthew Spiteri ssuġġerixxa li għandu jinbidel il-logo tal-Kunsill Lokali u fih jinkludi l-motto tar-raħal. Il-Kunsillier Matthew Spiteri ppreżenta erba' disinji bil-motto tal-lokal. Il-Kunsillier Matthew Spiteri tenna li fiż-żmien li ġej se jkun qiegħed iressaq mozzjoni sabiex jinbidel dan il-logo.

**26.05.02** Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna qal li huwa ġab kaxxa tal-injam u se jibda jfassal dar għall-qtates. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma' din l-inizjattiva.

**26.05.03** Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna qal li ħaddiem tal-Kunsill Lokali fiż-żmien tal-Milied kien qed jiġbor ħafna skart minn madwar il-lokalita`. Is-Sindku John Schembri qal li fi żmien il-Milied huwa kien mgħarraf li l-Cleansing Department inqabdu b'ħafna xogħol għalhekk qabbad il-ħaddiem tagħna jgħinhom ftit. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna ssuġġerixxa li jekk dan il-każ jerġa' jirrepeti ruħu, il-Kunsill Lokali għandu jibagħat ittra li fiha ninfurmaw li m'għandux jinħareġ skart meta mhux suppost.

**26.05.04** Il-Kunsillier Andrew Cassar għamel referenza għall-Parkeġġ għar-Residenti f'5 toroq partikolari. Is-Sindku John Schembri qal li dan il-parkeġġ għar-residenti ma sarx għaliex inżamm milli jagħmel dan biex ma ssirx diskriminazzjoni, għalhekk ma sarux.

**26.05.05** Il-Kunsillier Frederick Aquilina għamel referenza għal Triq il-Maħżnier, li m'għandiex tkun two ways. Is-Sindku John Schembri qal li din it-triq hi mimlija garaxxijiet, allura hemm fejn jgħaddu żewġ karozzi.

**26.05.06** Il-Kunsillier Matthew Spiteri saqsa jekk il-kameras madwar il-lokalita` humiex jaħdmu. Is-Sindku Jojn Schembri wieġbu fl-affermattiv . Il-Kunsillier Matthew Spiteri kompla jgħid li trid titnaddaf iż-żona ta' Triq Wied il-Knejjes u ssir tabella li turi li ż-żona hija mmonitorjata bil-kameras. Il-Kunsillier Matthew Spiteri tenna li għandha tintbagħat ittra ukoll u tinforma lir-residenti li hemm il-kameras fiż-żona.

## 26.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

**26.06.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell infurmat lill-Kunsilliera preżenti li d-dati tal-awditjar, eżerċizzju li jsir ta' kull sena, huma mit-18 ta' Mejju 2026 sat-22 ta' Mejju 2026.

**26.06.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qalet lill-Kunsilliera preżenti li l-proposta tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa sabiex jorganizza attivita` tal-Karnival intlaqgħat. Għalhekk, il-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa se jibbenefika mill-Iskema tal-Karnival għall-ammont ta' €5,000.

## 26.07 Korrispondenza

**26.07.01** Is-Sindku John Schembri qal li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa rċieva talba mingħand Cat Feeder sabiex ngħinuha finanzjarjament. Il-Kunsilliera preżenti qablu li ladarba toħroġ l-Iskema tal-Qtates jew xi forma ta' għajnuna oħra, il-Kunsill Lokali se jkun qiegħed jinfurmaha minnufih.

## 26.08 Attivitajiet

**26.08.01** Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna qal li għall-Gimgħa Mqaddsa li jmiss, ikun xieraq li nhar it-2 ta' April 2026, f'Ħamis ix-Xirka, iz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali għandu jerġa' jintrama' bix-xemgħat. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna l-Kunsillier Anton Gatt qalu li jkun xieraq li bħala Kunsill Lokali nitolbu għall-għajnuna tam-nies sabiex jintramaw ix-xemgħat fuq iz-zuntier tal-Knisja. Is-Sindku john Schembri qabel ma' din l-idea u qal li għandha ssir kollaborazzjoni mal-Kappillan ladarba se jkun utilizzat iz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali.

## 26.09 Skeda ta' Pagamenti u petty cash

**26.09.01** Fuq proponiment tal-Kunsillier Matthew Spiteri, u sekondat mill-Kunsillier Jeffrey Scicluna, il-Kunsilliera preżenti kollha qablu bi qbil unanimu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

## 26.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**26.10.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fis-19.30 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 11 ta' Frar 2026, fil-17.30.

**Ikkonfermati llum l-Erbgħa 11 ta' Frar 2026.**

| | |
|---|---|
| **John Schembri** | **Astrid Pell** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |